MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM'AWLA
# (Sede Kostituzzjonali)

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tal-4 ta' Mejju, 2022

Rikors Kostituzzjonali Numru 368/2021 LM

**Silvio Coleiro (K.I. 409166M) u Giorgina Coleiro (K.I. 514371M)**

***vs.***

**L-Avukat tal-Istat**
**u Joyce Francis Busuttil (K.I. 18155A)**

**Il-Qorti,**

1. Rat ir-Rikors Kostituzzjonali mressaq fis-27 ta' Mejju, 2021 mir-rikorrenti **Silvio (K.I. 409166M) u Giorgina (K.I. 514371M) konjuġi Coleiro** (minn issa 'l quddiem 'ir-rikorrenti'), fejn issottomettew dan li ġej:

*Illi permezz ta' rikors ġuramentat fl-ismijiet Joyce Francis Busuttil vs Silvio Coleiro et (402/16SM) l-attriċi saħqet illi hi proprjetarja ta' porzjon art fabbrikabbli b'aċċess minn Sqaq Numru 1, Triq Brittania, il-Mosta, u proprjetarja tal-fond Numru 5, fl-istess triq. Illi rrilevat illi l-esponenti u/jew terzi mqabbdin minnhom bnew arkata doppja u kanċell tal-ħadid li nbnew b'mod li jmissu mal-ħajt proprjetà ta' Joyce Francis Busuttil mingħajr il-kunsens tagħha. Illi l-istess Joyce Francis Busuttil saħqet ukoll illi minħabba*

*l-istess kostruzzjoni in diżamina d-dritt t'aċċess li hi għandha fuq l-istess porzjon art qiegħed jiġi hekk ostakolat u minħabba f'hekk lanqas tista' tiżviluppa l-porzjon art proprjetà tagħha stante li m'għandhiex aċċess liberu għall-istess u għalhekk qiegħda ssofri d-danni.*

*Illi l-esponenti permezz ta' risposta ġuramentata saħqu illi mhux minnu li bil-kostruzzjoni de quo huma ċaħħdu lir-rikorrenti mill-aċċess liberu u użu sħiħ tal-proprjetà tagħha. Illi l-esponenti saħqu illi ż-żewġ (2) arkati u kanċelli tal-ħadid in kwistjoni kienu hemm minn dejjem, u minn qabel ma Joyce Francis Busuttil xtrat il-proprjetà tagħha. Illi finalment l-esponenti saħqu wkoll illi l-kostruzzjonijiet de quo m'huma qed joħolqu l-ebda ostakolu lir-rikorrenti billi huma jinżammu miftuħa l-ħin kollu u ma jiġux imsakkra u għalhekk ir-rikorrenti għandha aċċess liberu għall-proprjetà tagħha l-ħin kollu.*

*Illi b'sentenza mogħtija nhar il-ħamsa (5) ta' Marzu, tas-sena elfejn u tmintax (2018) il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ddikjarat li bil-bini tal-arkati tal-ġebel u l-installazzjoni tal-kanċell tal-ħadid de quo fi Sqaq numru 1, Triq Brittania, il-Mosta, l-istess appellanti qegħdin iċaħħdu lill-appellata mid-dritt tagħha ta' aċċess liberu għall-użu sħiħ tal-art proprjetà tagħha, u kkundannat lill-appellanti sabiex iħallu aċċess liberu lill-appellata għall-art proprjetà tagħha mill-Isqaq numru 1, Triq Britannia, il-Mosta, sabiex jeżegwixxu l-modifikazzjonijiet, xogħlijiet u/jew demolizzjonijiet neċessarji fi żmien xahar (1) mid-data tas-sentenza. Illi inoltre l-istess Qorti appuntat lill-istess espert tekniku ġia nominata preċedentement in atti sabiex tissorvelja l-istess xogħlijiet u tordna li fin-nuqqas, dawn ix-xogħlijiet isiru mill-appellata taħt is-sorveljanza tal-espert tekniku.*

*Illi l-esponenti ħassew ruħhom aggravati bis-sentenza suċċitata u interponew appell liema appell ġie deċiż nhar it-23 ta' Novembru tas-sena 2020 fejn il-Qorti ċaħdet l-appell tal-esponenti u kkonfermat is-sentenza tal-Ewwel Qorti.*

*Illi l-esponenti jirrilevaw illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma tathomx l-opportunità illi jressqu l-provi tagħhom u jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom. Illi fil-fatt, jiġi rilevat illi għalkemm għall-attriċi l-Qorti kienet tat numru ta' seduti sabiex din tressaq il-provi li riedet, l-esponenti ma nghatawx seduta għall-produzzjoni tal-provi tagħhom ġia la darba fis-seduta tal-14 ta' Novembru, 2017, l-attriċi f'dik il-kawża għalqet il-provi tagħha u l-Qorti bagħtet il-kawża għas-sentenza, u dan mingħajr ma l-esponenti ngħataw il-fakoltà sabiex iressqu l-provi jew id-difiża tagħhom u mingħajr il-fakoltà li imqar jagħmlu xi sottomissjonijiet quddiem il-Qorti, kemm jew verbali, kif ukoll bl-iskritt.*

*Illi inoltre l-esponenti intavolaw rikors appożitu sabiex ikunu jistgħu jressqu l-provi tagħhom u jagħmlu dawk is-sottomissjonijiet neċessarji liema talba ġiet miċħuda. Illi jiġi rilevat illi mhuwiex minnu kif ġie assunt mill-Ewwel Onorabbli Qorti illi l-esponenti*

*ma kellhomx interess fil-kawża iżda dawn kellhom tant li kien preżenti diversi drabi l-konsulent legali tagħhom ta' dak iż-żmien. Illi fuq kollox mhuwiex ġust illi l-attriċi f'dik il-kawża ingħatat tliet differimenti għall-provi tagħha, li minnhom fi tnejn ma ressqet l-ebda prova, u meta hija ddikjarat li għalqet il-provi, l-esponenti, minflok ingħataw imqar seduta għall-provi tagħhom, il-kawża marret direttament għas-sentenza mingħajr lanqas l-opportunità li wieħed iressaq lanqas sottomissjonijiet.*

*Illi dan ifisser illi għalhekk l-esponenti quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellhomx l-opportunità li jressqu provi in sostenn tal-eċċezzjonijiet tagħhom illi huma qajmu fir-risposta ġuramentata tagħhom u dan bi ksur tad-dritt fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq kif sanċiti fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.*

*Illi l-istess Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha rrilevat illi:*

Minn eżami bir-reqqa tal-verbali su-indikati, jirriżulta lil din il-Qorti li għandhom raġun il-konvenuti meta jgħidu li mhux minnu li qatt ma dehru għall-proċeduri, kif iddikjara erronjament id-difensur tal-attriċi fl-aħħar verbal qabel is-sentenza, u kif iddikjarat ukoll erronjament l-ewwel Qorti. Madanakollu ma jistax ma jiġix osservat li fl-4 ta' Ottubru, 2017 il-kawża tħalliet "għall-provi kollha" għall-14 ta' Novembru, 2017 f'liema data l-konvenuti ma dehrux. Dakinhar, il-kawża marret għas-sentenza. Veru li dan sar wara d-dikjarazzjoni mhux korretta li għamel id-difensur tal-attriċi (il-konvenuti u d-difensur tagħhom "qatt" ma dehru);

*Illi l-esponenti jagħmlu referenza għall-Art. 6(1) tal-Konvenzjoni li jgħid:*

Fid-deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu jew ta' xi akkuża kriminali kontra tiegħu, kulħadd huwa intitolat għal smigħ imparzjali u pubbliku fi żmien raġonevoli minn tribunal indipendenti u imparzjali mwaqqaf b'liġi. Is-sentenza għandha tingħata pubblikament iżda l-istampa u l-pubbliku jista' jiġi eskluż mill-proċeduri kollha jew minn parti minnhom fl-interess tal-morali, tal-ordni pubbliku jew tas-sigurtà nazzjonali f'soċjetà demokratika, meta l-interessi tal-minuri jew il-protezzjoni tal-ħajja privata tal-partijiet hekk teħtieġ, jew safejn ikun rigorożament meħtieġ fil-fehma tal-qorti f'ċirkostanzi speċjali meta l-pubbliċità tista' tippreġudika l-interessi tal-ġustizzja.

*Illi inoltre kif intqal fil-kawża Cutajar v. Avukat Ġenerali et, deċiża minn din il-Qorti fit-22 ta' Frar, 2013:*

"Din il-Qorti tirriafferma l-prinċipju li ma għandhiex tiġi kjamata sabiex tissostitwixxi d-diskrezzjoni tagħha għal dik tal-Qrati f'kompetenza ordinarja, u lanqas għandha tissindaka l-apprezzament ta' provi kif sar mill-qrati ordinarji, inkluż dik eżerċitata mill-Qorti tal-Appell u dan għaliex ir-rimedju kostituzzjonali ma huwiex u ma għandux jiġi użat bħala xi għamla ta' appell tat-tielet grad li mhux permess fil-liġi tagħhna. F'din

is-sede l-kompitu tal-Qorti huwa li taċċerta ruħha li ma kienx hemm ksur tad-drittijiet tutelati mill-Konvenzjoni mhux li tirrevedi s-sentenzi tal-qrati l-oħra sabiex tgħid kinux deċiżi korrettement inkella le.”

*Illi inoltre ssir referenza għall-każ ta' Saliba vs Malta li kien trattat quddiem l-EctHR fejn l-applikant kien qed jilmenta dwar il-mod kif il-qrati kienu qiesu l-provi li kellhom quddiemhom, kif ukoll dwar il-validità, il-kredibilità u r-rilevanza tagħhom. Fis-sentenza li tat f'dan il-każ fid-29 ta' Novembru, 2016 l-EctHR qalet hekk:*

”63. While Article 6 of the Convention guarantees the right to a fair hearing, it does not lay down any rules on the admissibility of evidence or the way it should be assessed, which are therefore primarily matters for regulation by national law and the national courts (see, for example, Garcia Ruiz v. Spain [GC], no. 30544/96, §28, ECHR 1999-I, and Perić V. Croatia, no 34499/06, §17, 27 March, 2008).

64. On the other hand, whilst acknowledging the domestic judicial authorities' prerogative to assess the evidence and decide what is relevant and admissible, the Court reiterates that Article 6§1 places the “tribunal” under a duty to conduct a proper examination of the submissions, arguments and evidence adduced by the parties (see Khamidov, cited above, §173) without prejudice to its assessment of whether they are relevant to its decision (see Van de Hurk v. the Netherlands, 19 April, 1994, §59, Series A no. 288, and Dulaurans v. France, no. 34553/97, §33, 21 March, 2000). An error of law or fact by the national court which is so evident as to be characterised as a “manifest error” – that is to say, an error that no reasonable court could ever have made – may be such as to disturb the fairness of the proceedings (see Bochan, §62, cited above).

65. The Court reiterates further that, in view of the principle that the Convention is intended to guarantee not rights that are theoretical or illusory but rights that are practical and effective (see Cudak V. Lithuania [GC], no. 15869/02, §58, ECHR 2010), the right to a fair trial that cannot be seen as effective unless the requests and observations of the parties are truly “heard”, that is to say, properly examined by the tribunal (see Dulaurans, cited above, §33; Donadze v. Georgia, no. 74644/01, §§32 and 35, 7 March, 2006; and Dima v. Romania, no. 58472/00, §34, 16 November, 2006).

…

68. While the Court does not usually interfere with a domestic court's assessment of evidence, it nevertheless has taken issue with certain cases. In Dulaurans the Court found a violation of the right to a fair trial because the sole reason why the French Court of Cassation had arrived at its contested decision rejecting the applicant's appeal on points of law as inadmissible was the result of “a manifest error of assessment” (see Dulaurans, cited above, §25). In Khamidov, the unreasonableness of the domestic courts' conclusion as to the facts was “so striking and palpable on the

face of it" that the Court held that the proceedings complained of had to be regarded as "grossly arbitrary" (see Khamidov, cited above, §174). In Anđelković, the Court found that the arbitrariness of the domestic court's decision, which principally had had no legal basis in domestic law and had not contained any connection between the established facts, the applicable law and the outcome of the proceedings, amounted to a "denial of justice" (see Anđelković, cited above, §27). In Bochan, the Supreme Court had made assertions which were palpably incorrect and which the Court construed as being "grossly arbitrary" or as entailing a "denial of justice". Thus, the nature and the implications of the defect in the Supreme Court's decision were such that the impugned proceedings fell short of the requirements of a "fair trial" under Article 6 §1 of the Convention (see Bochan, cited above, §65).

*Illi għalhekk id-dritt għal smigħ xieraq tal-esponenti ġie preġudikat meta l-attriċi tħalliet tressaq il-provi tagħha tul numru ta' seduti, li fihom del resto l-attriċi f'dik il-kawża m'għamlet assolutament xejn, u l-esponenti lanqas biss ingħatat seduta waħda għall-produzzjoni tal-provi tagħha, anzi kif jirriżulta mill-proċess, dakinhar li l-attriċi ddikjarat li m'għandhiex aktar provi x'tipproduċi, il-Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza.*

*Illi din mhux ġustizzja u ekwità u għalhekk ġew preġudikati serjament id-drittijiet tal-esponenti għal smigħ xieraq meta l-esponenti, fuq dikjarazzjoni żbaljata magħmula mill-avukat tal-kontro-parti, lanqas biss tħallew iressqu l-provi, u lanqas biss ingħataw seduta għall-produzzjoni tal-provi tagħhom, u wisq anqas ma tħallew jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom u dan bi ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni.*

*Illi dan ikkrea preġudizzju serju għad-difiża tal-kawża tal-esponenti, stante illi huma ma tħallewx iressqu provi konsistenti fil-fatt illi l-isqaq in kwistjoni huwa privat u huwa liberu u frank minn kull servitù favur terzi inkluż l-intimata odjerna, u konsistenti fil-fatt illi l-grada u l-arkata in kwistjoni ilhom hemm installati snin twal, ħaġa li kienet toħroġ b'mod ċar u inekwivoku kieku effettivament l-esponenti ingħataw l-opportunità illi jiddefendu l-kawża in kwistjoni. Illi l-esponenti lanqas ma tħallew iġibu l-provi dwar kif l-attriċi f'dik il-kawża, li għandha aċċess minn qabel il-grada qiegħda tiġi mmexxija minn terzi li qegħdin fuq konvenju għall-art, u li jridu jiftħu aperturi fuq l-isqaq privat tal-esponenti sabiex jiżviluppaw l-art in kwistjoni, minkejja li m'għandhomx dritt. Illi dan apparti l-fatt illi t-talbiet attriċi kienu konfużjonarji u dan għaliex wieħed ma setax ikun jaf jekk l-attriċi għamlitx kawża petitorja jew possessorja.*

*Illi dan ovvjament kellu jiġi elaborat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, għajr li drittijiet fundamentali tal-esponenti għal smigħ xieraq ġew preġudikati meta l-istadju tal-provi tal-esponenti qatt ma beda.*

*Għaldaqstant l-esponenti qegħdin jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex prevja kwalsiasi dikjarazzjoni li jidhrilha xierqa u opportuna taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:*

1. *Tiddikjara illi l-esponenti sofrew ksur tad-drittijiet tagħhom għal smigħ xieraq hekk kif sanċiti fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u fl-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u dan fil-proċeduri fl-ismijiet Joyce Francis Busuttil vs Silvio Coleiro et Rikors Nru. 402/2016;*
2. *Tagħti dawk ir-rimedji kollha li fiċ-ċirkostanzi din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xierqa u opportuni inkluż imma mhux limitat għal li tannulla s-sentenzi mogħtija kemm fl-istadju tal-appell kif ukoll in Prim'istanza fil-kawża 402/2016 fl-ismijiet Joyce Francis Busuttil vs Silvio Coleiro et u minflok Tordna l-proċeduri fl-imsemmija kawża jitkomplew mill-istadju provi konvenut/i jew kull ordni oħra li din l-Onorabbli Qorti tħoss li huwa rimedju xieraq fiċ-ċirkostanzi.*
3. *Tillikwida l-kumpens dovut lill-esponenti minħabba l-leżjoni minnhom sofferta u tikkundanna lill-Avukat tal-Istat iħallas dak il-kumpens hekk likwidat.*

*Bl-ispejjeż kontra l-intimati li minn issa inġunti għas-subizzjoni.*

2. Rat ir-Risposta tal-intimat **Avukat tal-Istat** (minn issa 'l quddiem 'l-intimat Avukat tal-Istat') li ġiet ippreżentata fit-22 ta' Ġunju, 2021, li biha eċċepixxa:

1. *Illi preliminarjament, jeħtieġ l-allegazzjoni tal-atti tal-kawża fl-ismijiet **Joyce Francis Busuttil vs Silvio Coleiro et** (Ċit. Nru. 402/16 SM deċiża 5 ta' Marzu, 2018), sia tal-Prim'Istanza kif ukoll fl-appell [deċiża finalment fit-23 ta' Novembru, 2020];*

***L-Ewwel Talba***

2. *Illi, fil-mertu, kif se jirriżulta mit-trattazzjoni tal-kawża, ir-rikorrenti ma sofrew ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tagħhom sanċiti fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea, u l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni, u għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti;*
3. *Illi l-ilment odjern diġà tressaq bħala aggravju quddiem l-Onorabbli Qorti tal-Appell, u għaldaqstant, dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex tintuża sabiex isservi bħala Qorti reviżorja tat-tielet u possibilment ir-raba' grad f'kawża;*
4. *Illi jidher illi in Prim'Istanza, ir-rikorrenti Silvio Coleiro, jew personalment jew rappreżentat mill-konsulent legali tiegħu, iżjed ma pparteċipax fil-proċeduri impunjati milli pparteċipa. Jidher illi fl-udjenza tal-4 ta' Ottubru, 2017, il-kawża*

*ġiet differita għall-14 ta' Novembru, 2017 għall-provi kollha. F'dik id-data, filwaqt illi jidher li l-Qorti ingħatat informazzjoni erronja mill-konsulent legali tal-intimata Joyce Busuttil, ir-rikorrenti u l-konsulenti legali tiegħu ma dehrux, u għaldaqstant ma ġabux provi f'dik is-seduta kif kienu tenuti jagħmlu. L-Onorabbli Prim'Istanza dehrilha, bilfors, li tenut dan kollu, ir-rikorrenti kien ħaqqhom jiġu penalizzati billi bagħtet il-kawża għas-Sentenza. Lanqas dakinhar tal-għoti tas-Sentenza ma dehru r-rikorrenti jew ir-rappreżentanti legali tiegħu, meta, fl-isfond tal-preżentata ta' rikors biex il-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-Sentenza biss 4 ijiem qabel l-għoti tas-Sentenza [meta r-rikorrenti kellhom ben 3 xhur biex jagħmlu t-talba], kien fl-interess tar-rikorrenti li jattendi, personalment u/jew tramite l-konsulenti legali tiegħu, għal dik l-udjenza. Mhux ta' b'xejn, għalhekk, l-Onorabbli Prim'Istanza rrimarkat, f'paragrafu 14.6 tas-Sentenza li r-rikorrenti* 'abbandunaw l-azzjoni tagħhom odjerna kompletament'*;*

5. *Illi r-rikorrenti odjerni intavolaw appell, li permezz tiegħu pproponew, bħala l-ewwel aggravju tagħhom, l-istess ilment ta' dawn il-proċeduri, ossia li l-Ewwel Qorti ma tathomx l-opportunità sabiex iressqu l-provi tagħhom u jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom in sostenn tal-eċċezzjonijiet tagħhom. Dan l-aggravju ġie ttrattat bir-reqqa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell, iżda ma qisitx dan l-aggravju ġustifikat, fl-isfond tal-fatt illi r-rikorrenti ma dehrux fl-udjenza meta l-Qorti kellha tisma' l-provi kollha, iżda minflok aġixxew mill-ewwel b'talba għas-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-Sentenza, kif kienet tagħmel parti li turi interess u ssegwi l-kawża tagħha, ħallew għall-aħħar 4 ijiem biex jippreżentaw l-istess rikors;*

6. *Illi ċio nonostante, ir-rikorrenti qegħdin jilmentaw illi l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kisritilhom id-dritt fundamentali tagħhom ta' smigħ xieraq skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, meta fil-verità, kienu l-istess rikorrenti, bin-nuqqas ta' interess li wrew f'dawk il-proċeduri, li kienu l-kaġun tal-qagħda tagħhom stess;*

7. *Kif jingħad fis-sentenza fl-ismijiet* ***Christopher Cassar vs l-Avukat Ġenerali et*** *(fn. 1 Deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fit-18 ta' Lulju, 2014 [App. Ċiv. 31/2013/1]***,** 'Id-dritt tas-smigħ mogħti lill-partijiet f'kawża jingħata fit-termini tar-regoli tal-liġijiet proċedurali u jekk xi parti ssofri xi konsegwenzi għaliex tinjora dawk ir-regoli allura l-parti konċernata *imputet sibi* għal dawk il-konsegwenzi li allura bħala regola ma jkunux attribwibbli għal xi nuqqas ta' smigħ xieraq.";

8. *Illi ma hux minnu li l-istadju tal-provi tal-konvenut, rikorrenti f'din il-kawża, qatt ma beda – hekk kif jirriżulta mid-Dok. E, li huwa l-verbal tal-udjenza tal-4 ta' Ottubru, 2017, wara l-unika seduta fejn l-attriċi, intimata f'din il-kawża, pproduċiet provi, il-kawża ġiet differita għall-provi kollha għall-14 ta' Novembru, 2017. F'dik l-udjenza, l-attriċi, hawn intimata, iddikjarat li ma kellhiex iżjed provi,*

*u l-konvenuti, hawn rikorrenti, ma dehrux u ma pproduċew ebda prova – altru allura li l-istadju tal-provi tagħhom qatt ma beda, u altru li ma ngħataw ebda opportunità li jġibu provi;*

***It-Tieni u t-Tielet Talba***

9. *Illi peress illi t-tieni u t-tielet talba huma konsegwenzjali għall-ewwel talba, u peress illi, kif ingħad diġà, ma kien hemm ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kuntrarjament għal dak allegat minnhom, kwindi la hemm lok li dina l-Onorabbli Qorti tagħti xi rimedju, la hemm lok għall-annullament tas-Sentenzi, u lanqas hemm lok li l-esponenti jiġu kkundannati jħallsu xi danni;*

10. *Illi subordinatament u mingħajr preġudizzju għall-premess, anke in pessima ipotesi għall-esponenti, id-dikjarazzjoni tal-ksur effettiv tad-drittijiet u l-għoti tar-rimedji għandhom jirriżultaw biżżejjed sabiex ir-rikorrenti jingħataw '*just satisfaction';

11. *Illi, fl-isfond tat-talba dikjaratorja dwar ksur tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti skont il-Konvenzjoni Ewropea, l-applikazzjoni tal-Artikolu 41 tal-Konvenzjoni Ewropea, huwa limitat biss f'każ ta' sejbien ta' ksur ta' drittijiet protetti mill-Konvenzjoni Ewropea, u mhux għall-ksur, jekk dina l-Onorabbli Qorti hekk ikun jidhrilha, tal-Kostituzzjoni Maltija fejn jidħlu d-drittijiet fundamentali tal-bniedem;*

12. *Illi inoltre, jiġi eċċepit li f'kull każ, ir-rikorrenti ma jistgħux jitolbu kumpens u danni ai termini tal-artikolu 41 tat-Trattat tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem. Dan għaliex l-istess artikolu jgħodd biss għall-organi ġudizzjarji tal-Kunsill tal-Ewropa u mhux għall-Qrati Maltin.* ***Tali Artikolu lanqas ma jifforma parti mil-Liġi Maltija u ma ġiex traspost fil-Kap. 319 tal-Liġijiet ta' Malta;***

13. *Illi l-Kostituzzjoni ta' Malta ma tipprovdix għall-għoti ta' danni jew kumpens f'każ ta' ksur ta' xi dritt fundamentali tal-bniedem skont l-Artikoli 33-45 tal-istess Kostituzzjoni;*

14. *Illi subordinatament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, sa fejn ir-rikorrenti qegħdin jippretendu l-għoti ta' danni, li l-esponenti jifhem ikunu ta' natura pekunjarja, l-oneru jinkombi fuq ir-rikorrenti sabiex iġibu prova sodisfaċenti skont il-Liġi tad-danni li allegatament sofrew;*

15. *Illi subordinatament, u mingħajr preġudizzju għall-premess, in kwantu r-rikorrenti jippretendu l-għoti ta' kumpens, li l-esponenti jifhem li huma danni non-pekunjarji, din it-talba qed tiġi opposta;*

16. *Illi għal dawn il-motivi kollha, l-esponenti jissottometti bir-rispett illi t-talbiet kollha tar-rikorrenti għandhom jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kollha kontra l-istess rikorrenti.*

*Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

3. Rat ir-Risposta tal-intimata **Joyce Francis Busuttil (K.I. 18155A)** (minn issa 'l quddiem 'l-intimata Joyce Francis Busuttil'), li ġiet ippreżentata fit-13 t'Awwissu, 2021, li biha eċċepiet:

1. *Illi jiġi rilevat li l-proċeduri odjerni huma frivoli u vessatorji, bla bażi, intiżi unikament sabiex ir-rikorrenti bil-proċeduri minnu inkorsi jittanta jikkonverti din l-Onorabbli Qorti f'waħda tal-Appell tat-tielet grad, u aktar minn hekk, jiddelunga l-perijodu li fih jottempera ruħhu ma' dak deċiż mill-Qorti kif konfermat b'sentenza tal-Qorti tal-Appell datata 20 ta' Novembru, 2020;*
2. *Illi għalhekk hija l-umli fehma tal-esponenti li din l-Onorabbli Qorti għandha tieħu l-provvedimenti opportuni fil-konfront tar-rikorrenti sabiex proċeduri bħal dawk de quo jiġu skoraġġiti;*
3. *Illi bażikament ir-rikorrenti jillanja li d-dritt fondamentali tiegħu li jingħata smigħ xieraq kif sanċit fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ġie leż għaliex ma ngħatax il-fakoltà li jressaq il-provi tiegħu;*
4. *Illi dan hu verament każ fejn tapplika l-massima* volenti non fit injuria *għaliex jista' jingħad bla tlaqliq u mingħajr ebda disrispett lejn ħadd, li kien ir-rikorrenti stess li għażel li ma jsegwix bid-diliġenza rikjesta l-proċeduri fil-Prim'Istanza u tlett (3) ijiem qabel ma kellha tiġi ppronunzjata s-sentenza, ir-rikorrenti fi kliem komuni donnu 'stenbaħ' u intavola rikors fejn talab lill-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u tikkonċedilu iressaq il-provi tiegħu. Il-Qorti ġustament ċaħditlu r-rikors u għaddiet biex tippronunzja s-sentenza;*
5. *Illi r-rikorrenti appella mis-sentenza u ressaq bħala aggravju l-fattur li minnu qed jillanja fil-proċeduri de quo u l-Onorabbli Qorti tal-Appell warrbet dan l-aggravju billi qalet, '*Madanakollu ma jistax ma jiġix osservat li fl-4 ta' Ottubru, 2017 il-kawża tħalliet 'għall-provi kollha' għall-14 ta' Novembru, 2017 f'liema data l-konvenuti ma dehrux. Dakinhar, il-kawża marret għas-sentenza. Veru li dan sar wara d-dikjarazzjoni mhux korretta li għamel id-difensur tal-attriċi (li l-konvenuti u d-difensur tagħhom 'qatt' ma dehru); iżda l-konvenuti imbagħad damu xejn anqas minn erba' xhur u nofs biex talbu s-sospensjoni tas-sentenza u ppreżentaw tali rikors biss erbat ijiem qabel id-data tas-sentenza. In vista ta' tali nuqqasijiet din il-Qorti ma jidhirlhiex li huma ġustifikati jilmentaw li ma ngħatawx opportunità iressqu l-provi tagħhom.
6. *Illi għalhekk ma jistax jingħad li l-lanjanza mqajma f'dawn il-proċeduri hija waħda innovattiva jew li ma ġietx tratta quddiem Qrati diversi, iżda hija waħda li ġiet konsiderata u riġettata kostantement għal raġunijiet li jirriżultaw mill-atti fejn*

*jidher b'mod lampanti li l-interess tar-rikorrenti fil-proċeduri odjerni skatta unikament tlett (3) ijiem qabel ma kienet ser tiġi pronunzjata s-sentenza għaliex minn seba' (7) seduti quddiem il-Qorti r-rikorrenti u/jew il-konsulent legali attendew darba biss tardivament u fis-seduti l-oħra naqsu li jattendu mingħajr ebda raġuni valida. Ta' min isemmi f'dana l-istadju li l-Onorabbli Qorti tal-Appell jidhrilha li l-Appell interpost mir-rikorrenti kien frivolu u kkundannat lill-istess rikorrenti jħallas l-ispejjeż għal darbtejn a tenur tal-artikolu 223.4 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta.*

7. *Illi għalhekk ir-rikors odjern huwa wieħed frivolu u vessatorju u għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż.*

Rat l-atti kollha tal-kawża, inkluż l-atti tal-kawża fl-ismijiet **Joyce Francis Busuttil *vs.* Silvio Coleiro et** (Ċit. Nru. 402/16 SM), li ġew allegati mal-proċess odjern.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Rat il-verbal tal-udjenza tad-19 ta' Novembru, 2021, fejn il-partijiet ingħataw l-fakultà li jippreżentaw noti ta' sottomissjonijiet, u fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet ippreżentati mill-partijiet.

**<u>Provi u riżultanzi</u>**

5. Fl-*affidavit* tiegħu, ir-rikorrent **Silvio Coleiro**[1] xehed li huwa l-proprjetarju ta' żewġ terzi indiviżi mill-isqaq Alley 1, Brittania Street, Mosta. Qal li dan l-isqaq jibda mill-parti tal-proprjetà tiegħu fejn hemm xatba. Spjega li t-terz indiviż l-ieħor tal-isqaq jappartjeni lis-sid tal-għalqa li tinsab adjaċenti għall-proprjetà tiegħu. Qal ukoll li hu u s-sid l-ieħor kienu ftiehmu li l-isqaq jingħalaq b'apertura sabiex b'hekk il-parti tal-isqaq li mix-xatba tasal sal-ħajt tkun inkluża kollha fil-

[1] *A fol.* 29 tal-proċess .

proprjetà tiegħu. Żied jgħid li hu kien irranġa d-dar u għamel xatba minħabba li madwar sittax-il sena qabel, kien hemm bieb tal-injam antik, li hu kien bidlu u għamel xatba minflok. Qal li l-intimata f'dawn il-proċeduri m'għandha l-ebda apertura f'dan il-passaġġ proprjetà tiegħu, u l-unika apertura għall-art tagħha hija minn bieb li jinsab qabel ix-xatba, u għalhekk huwa ma ċaħħadha mill-ebda aċċess. Ir-rikorrent qal li l-inkwiet inqala' meta l-intimata għamlet konvenju fuq il-proprjetà tagħha, però hija kellha tiftaħ l-aperturi fuq il-passaġġ u tneħħi x-xatba minkejja li din ilha magħluqa diversi snin. Qal ukoll li l-passaġġ in kwistjoni huwa wieħed privat, u l-intimata f'dawn il-proċeduri m'għandha l-ebda jeddijiet jew servitujiet fuqu. Ir-rikorrent qal li oriġinarjament l-intimata istitwiet proċeduri kontra tiegħu sabiex huwa jiġi ordnat ineħħi x-xatba, u qal li huwa għandu provi li juru li mhux minnu li l-intimata għandha l-jeddijiet li qed tippretendi li għandha fuq din l-art. Ir-rikorrent qal li fl-ewwel seduta li saret quddiem il-Prim'Awla, il-Qorti kienet ħatret Perit Tekniku, u wara li sar ir-rapport mill-Perit, dan ġie maħluf u sussegwentement sar l-eżami tiegħu. Ir-rikorrent qal li huwa lanqas biss kien jaf bl-aċċess li sar, u meta sar l-aċċess il-Perit Tekniku lanqas biss daħal fil-proprjetà tiegħu, għaliex kieku huwa kien jagħti stampa aktar ċara tas-sitwazzjoni. Ir-rikorrent qal li fis-seduta tal-11 ta' Mejju, 2007, il-kawża kienet tħalliet għall-provi tal-parti l-oħra, u dawn naqsu milli jidhru. Qal ukoll li fis-seduta ta' wara dehret biss Joyce Busuttil, u dakinhar il-parti l-oħra reġgħet naqset milli tippreżenta provi, iżda sempliċiment iddikjarat li kienet qiegħda tagħlaq il-provi tagħha, filwaqt li ddikjarat li Silvio Coleiro u l-avukat difensur tiegħu qatt ma kienu dehru f'dawn il-proċeduri. Ir-rikorrent żied jgħid li minflok ma l-Qorti ħalliet il-kawża għall-provi tiegħu, u għalhekk huwa kien jingħata imqar opportunità waħda sabiex iressaq il-provi tiegħu, ħalliet il-kawża għas-sentenza li ngħatat fis-seduta ta' wara. Ir-rikorrent qal li huwa in vista ta' dawn iċ-ċirkostanzi li d-dritt tiegħu għal smigħ xieraq safa

miksur, għaliex il-parti l-oħra fil-kawża ngħatat tliet seduti sabiex tressaq il-provi tagħha, u minn dawn it-tliet seduti f'waħda minnhom xehdet biss Joyce Francis Busuttil, filwaqt li fiż-żewġ seduti l-oħra ma sar xejn. Qal li ladarba n-naħa l-oħra kellha tliet seduti biex fi tnejn minnhom ma sar xejn, huwa jippretendi li jingħata imqar seduta waħda sabiex ikollu l-opportunità jressaq il-provi tiegħu. Ir-rikorrent qal li r-rimedju li huwa qiegħed jitlob li jingħatalu minn din il-Qorti, huwa li jitpoġġa fl-istess sitwazzjoni li kien fiha qabel ingħalqu l-provi tiegħu mill-Ewwel Qorti.

**<u>Konsiderazzjonijiet legali</u>**

6. Ir-rikorrenti istitwew dawn il-proċeduri odjerni in segwitu għall-proċeduri fl-ismijiet **Joyce Francis Busuttil *vs.* Silvio Coleiro et** (Rikors Numru 402/16SM), li nbdew minn Joyce F. Busuttil bħala proprjetarja ta' porzjon art fabbrikabbli b'aċċess allegatament minn Sqaq numru 1, Triq Britannia, il-Mosta, u tal-fond numru 5 fl-istess sqaq. L-ilment ta' Busuttil kien jikkonċerna l-bini ta' ħnejja u t-tqegħid ta' kanċell fl-isqaq mir-rikorrenti f'dawn il-proċeduri, b'tali mod li l-aċċess liberu li allegatament kienet tgawdi Busuttil għall-proprjetà tagħha safa mfixkel, bir-riżultat li issa hija ma tistax tiżviluppa l-art tagħha. Il-konjugi Coleiro fil-proċeduri quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili ħadu l-pożizzjoni li l-arkati u l-kanċell in kwistjoni kienu fil-post minn ferm qabel Busuttil xtrat il-proprjetà tagħha. Ġie premess ukoll li bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Marzu, 2017, il-Qorti ddeċidiet li bil-bini tal-arkati tal-ġebel u l-installazzjoni ta' kanċell tal-ħadid, Coleiro qegħdin iċaħdu lil Busuttil mid-dritt tagħha ta' aċċess liberu għall-użu sħiħ tal-proprjetà tagħha, u għalhekk ikkundannat lil Coleiro jħallu aċċess liberu għall-imsemmija art u jagħmlu dawk il-modifiki, xogħlijiet u/jew demolizzjonijiet neċessarji fi żmien

xahar mid-data tas-sentenza sabiex dan l-aċċess jitħalla liberu. Coleiro appellaw minn dik is-sentenza, imma b'sentenza tat-23 ta' Novembru, 2020, il-Qorti tal-Appell ikkonfermat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla. Ir-rikorrenti f'dawn il-proċeduri qegħdin jilmentaw għaliex fil-fehma tagħhom l-Ewwel Qorti ma tathomx l-opportunità li jressqu provi u jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom, u dan minkejja li Busuttil ġiet mogħtija tliet seduti sabiex tressaq il-provi tagħha. Ir-rikorrenti spjegaw li waqt l-udjenza tal-14 ta' Novembru, 2017, Busuttil iddikjarat li kienet qiegħda tagħlaq il-provi tagħha, u l-kawża marret għas-sentenza. Qalu li huma intavolaw rikors sabiex jitħallew iressqu l-provi tagħhom, iżda l-Ewwel Qorti ċaħdet dan ir-rikors. Ir-rikorrenti qalu li mhux minnu li huma ma wrew l-ebda interess fil-kawża tagħhom, u filwaqt li Busuttil ingħatat tliet udjenzi għall-produzzjoni tal-provi tagħha, huma ma ngħataw l-ebda opportunità bħal din. Huwa minħabba f'dan kollu, sostnew ir-rikorrenti, li huma jemmnu li d-dritt fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq ġie leż, u dan għaliex huma ma tħallewx iressqu provi dwar il-fatt li l-isqaq in kwistjoni huwa privat u liberu u frank minn kull servitù favur terzi, kuntrarjament għal dak li qegħda tallega Joyce Busuttil. Fit-talbiet tagħhom lil din il-Qorti, ir-rikorrenti talbu li jiġi dikjarat li huma sofrew ksur tad-drittijiet fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq kif sanċit bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u bl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

7. L-intimat Avukat tal-Istat eċċepixxa li r-rikorrenti ma sofrew ebda leżjoni għall-jeddijiet fundamentali tagħhom, u li din il-Qorti m'għandhiex isservi ta' qorti reviżorja tat-tielet u r-raba' grad. Qal li r-rikorrenti naqsu milli jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, u li ħafna mid-drabi dan naqas milli jidher u milli jkun rappreżentat. L-intimat Avukat tal-Istat spjega wkoll li r-rikorrent talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza tliet

ijiem biss qabel ma l-Qorti kellha tagħti s-sentenza tagħha, u dan l-aġir fil-fehma tal-intimat Avukat tal-Istat isaħħaħ il-fehma li r-rikorrenti ma wrew l-ebda interess fil-proċeduri bejn il-partijiet.

8. L-intimata Busuttil min-naħa tagħha wieġbet li dawn il-proċeduri mibdija mir-rikorrenti huma frivoli u vessatorji, maħsuba biss biex itawlu l-perijodu ta' żmien li fih ir-rikorrenti jottemperaw ruħhom mal-ordnijiet tal-Qorti fil-konfront tagħha. L-intimata żiedet tgħid li *volenti non fit iniuria,* u li kienu ir-rikorrenti bl-aġir tagħhom stess li poġġew lilhom infushom fis-sitwazzjoni li qegħdin jilmentaw minnha, inkluż Meta talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza tliet ijiem biss qabel ma din kellha tingħata.

9. Il-Qorti tibda billi tagħmilha ċara li f'dan l-istadju hija mhijiex ser tidħol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet, u ser tagħmel il-konsiderazzjonijiet tagħha fir-rigward tal-ilment tar-rikorrenti li l-jedd fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq allegatament safa leżi meta huma ma ngħatawx l-istess opportunità li ngħatat Joyce Busuttil sabiex iressqu l-provi tagħhom. Il-Qorti tirrileva li r-rikorrenti qegħdin jilmentaw minn *inequality of arms,* u li ma kien hemm l-ebda *fair balance* bejn il-partijiet. Kwantu għall-ilment tar-rikorrenti li l-kundizzjonijiet applikabbli għall-partijiet ma kinux l-istess, il-Qorti tosserva li b'kollox saru seba' seduti quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Kien hemm numru ta' seduti li fihom la r-rikorrenti u lanqas l-avukat difensur tagħhom ma dehru, għalkemm mill-atti jirriżulta li l-avukat difensur tar-rikorrenti deher quddiem il-Prim'Awla wara l-udjenza tal-14 ta' Lulju, 2016 sabiex ħa konjizzjoni tal-verbal, u deher ukoll fl-udjenzi tat-3 ta' Novembru, 2016, u fil-21 ta' Marzu, 2017. Waqt din l-udjenza tal-aħħar, l-avukati difensuri tal-partijiet irrimettew ruħhom fir-rigward tar-relazzjoni tal-Perit Tekniku. Mill-verbali tal-udjenzi l-oħra li saru, jirriżulta li la r-rikorrenti u lanqas l-avukat difensur tagħhom ma

dehru quddiem il-Qorti. Waqt l-udjenza tal-4 ta' Ottubru, 2017, l-Ewwel Qorti qalet li l-kawża kienet qegħda tiġi differita għall-provi kollha tal-partijiet. Il-fatt li la r-rikorrenti u lanqas l-avukat difensur tagħhom ma kienu preżenti għal dik l-udjenza, ċertament li ma jiġġustifikax il-fatt li fl-udjenza ta' wara la r-rikorrenti u lanqas l-avukat difensur tagħhom ma dehru quddiem il-Qorti. Il-verbali tal-udjenzi huma disponibbli fuq is-sistema elettronika tal-Qorti u kull min għandu interess f'xi proċeduri partikolari jista' jsegwi l-verbali u jara f'liema stadju waslet il-kawża tiegħu b'mod elettroniku. Mill-kontro-eżami li sar lir-rikorrent, jirriżulta li dan qajla wera interess fil-proċeduri mibdija fil-konfront tiegħu, u ammetta li huwa ħalla kollox f'idejn l-avukat tiegħu. Fil-fehma tal-Qorti dan hu każ klassiku ta' *self-inflicted hardship,* meta persuna tpoġġi lilha nnifisha f'sitwazzjoni diffiċli, u sussegwentement tara kif tagħmel biex timputa fuq ħaddieħor il-ħtija għall-konsegwenzi li jkollha tiffaċċja.

10. Il-Qorti tqis li għalhekk mhuwiex minnu dak li ġie allegat mir-rikorrenti li l-Ewwel Qorti ma tatx lir-rikorrenti l-opportunità li jressqu l-provi tagħhom, għaliex kien hemm seduta sħiħa allokata għal dan il-għan, dik tal-14 ta' Novembru, 2017. Dakinhar la r-rikorrenti u lanqas l-avukat difensur tagħhom ma dehru, minkejja li l-verbal tal-udjenza preċedenti kien jgħid ċar li dik l-udjenza kienet intiża għall-għeluq tal-provi kollha tal-partijiet. Il-Qorti tfakkar li d-dritt għal smigħ xieraq huwa mwieżen ukoll minn prinċipju ieħor daqstant fundamentali u importanti fid-determinazzjoni tal-kawżi, dik li kawża tinstema' fi żmien raġonevoli, u għalhekk kawża ma tistax tibqa' tiġġebbed u titwal indefinittivament skont il-konvenjenza ta' xi parti jew oħra.

11. Il-Qorti tagħmel riferiment għal dak deċiż mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet **Dr. Anton Depasquale *vs.* Avukat Ġenerali**[2], fejn ingħad illi:

[2] 19.09.2001.

> *"... f'kawżi ta' natura kontenzjuża l-prinċipju ta'* equality of arms *ifisser li kull parti trid tingħata opportunità raġjonevoli sabiex tippreżenta l-każ tagħha – inklużi l-provi – taħt kundizzjonijiet li ma jpoġġuhiex fi żvantaġġ sostanzjali fil-konfront tal-kontro-parti."*

12. Il-Qorti tqis li hawn ikun ta' siwi wkoll li tagħmel riferiment għal dak deċiż mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fl-ismijiet **Joseph Falzon *vs.* Anthony Debono noe**[3], fejn ingħad:

> *"... għall-finijiet proċedurali hemm diversità kbira bejn il-każ fejn ma jinstemgħux il-provi tal-konvenut minħabba ċaħda tad-debita opportunità bħal meta jiġi inġustament rifjutat is-smigħ tal-provi leġittimi offerti minnu, jew meta l-proċeduri inizjati kontra tiegħu jiġu prosegwiti mingħajr ma jkun notifikat bihom, u ad insaputa tiegħu stess, jibqa' ma jġibx 'il quddiem il-provi tiegħu meta tkun ġiet mogħtija lilu kull opportunità li jġibhom. F'dan l-aħħar każ* imputet sibi*."*

13. Fis-sentenza fl-ismijiet **Power Projects Ltd *vs.* Agius** deċiża mill-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali)[4] ingħad illi:

> *"Ikun hemm ksur tal-prinċipju ta'* audi alteram partem *jekk jew il-parti ma tkunx ingħatat l-opportunità tressaq il-provi tagħha, jew fejn ix-xhieda mogħtija minn parti waħda ma tkunx setgħet tiġi kontrollata mill-parti l-oħra minħabba nuqqas ta' opportunità."*

14. Finalment il-Qorti tagħmel riferiment ukoll għal dak deċiż mill-Qorti tal-Appell Inferjuri fis-sentenza fl-ismijiet **Martin Aquilina *vs.* Christopher Friggieri**[5]:

> *"... jekk l-appellant ma għarafx isegwi sew l-andament tal-kawża hu l-każ ta'* imputet sibi *u ma jistax allura jlum lit-Tribunal iżda lilu nnifsu ... Naturalment iridu jitħarsu l-prinċipji tal-ġustizzja naturali u fondamentali tas-smigħ xieraq kif sanċiti fil-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni Ewropea ... Dan ma jfissirx però illi għandha għal din ir-raġuni tiġi mħarsa u premjata n-non kuranza tal-parti. 'Il-prinċipju tal-*audi alteram

[3] 13.01.1975.
[4] 16.06.2003.
[5] 20.10.2003.

partem *ma jimpurtax illi f'ġudizzju huwa imprexxindibbilment neċessarju u assolutament essenzjali illi l-provi tal-konvenut effettivament jinstemgħu imma biss li tingħata lilu d-debita opportunità li huwa jipproduċihom. Kieku kien diversament u ċioe kieku ma setgħetx taħt l-ebda ċirkostanzi tingħata sentenza ħlief wara s-smigħ tal-provi tal-konvenut, dan kien ikun jista' jostakola u jimpedixxi d-definizzjoni tal-kawża billi jibqa' passiv jew jipprokrastina indefinittivament'. (Joseph Falzon vs Anthony Debono noe, Appell Kummerċjali, 13 ta' Jannar, 1975)."*

15. Il-Qorti tqis li r-rikorrent m'għarafx isegwi l-andament tal-proċeduri li kien involut fihom, bir-riżultat li minkejja li ngħata l-opportunità jressaq il-provi tiegħu waqt udjenza maħsuba sabiex fiha jingħalqu l-provi tal-partijiet, dakinhar li saret din is-seduta, la r-rikorrent u lanqas l-avukat difensur tiegħu ma dehru quddiem il-Qorti, bir-riżultat li l-kawża ġiet differita għas-sentenza. Għall-Qorti dan mhux każ fejn inkiser il-jedd fundamentali tar-rikorrenti għal smigħ xieraq, u għalhekk sejra tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti fl-intier tagħhom.

**<u>Decide</u>**

**Għaldaqstant għar-raġunijiet premessi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti fl-intier tagħhom, filwaqt li tilqa' l-eċċezzjonijiet tal-Avukat tal-Istat fir-rigward. L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri għandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**